| | | |
|---|---|---|
| | **Gvern ta' Malta**<br><br>MINISTERU GHAR-RIŻORSI U L-AFFARIJIET RURALI | |

European Agriculture Guarantee Fund (EAGF)

**Programm Nazzjonali Malti Għall-Apikoltura (2009-2010)**

# MIŻURI BIEX JITTEJBU L-KUNDIZZJONIJIET GĦALL-PRODUZZJONI U S-SUQ TA' PRODOTTI TA' L-APIKOLTURA 2010

## FORMOLA TA' L-APPLIKAZZJONI

| | |
|---|---|
| Isem u Kunjom l-Applikant: | |

**Aqra' u imla din l-applikazzjoni kif mitlub b'mod ċar u li jintgħaraf. Jekk l-applikazzjoni ma tkunx mimlija kif suppost jew ikollha xi nformazzjoni nieqsa, l-applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata.**

**Twissija lill-Applikant:**

- Informazzjoni falza / qarrieqa f'din l-applikazzjoni tista' tagħti lok għal proċeduri kriminali kontra l-applikant.
- Nuqqas li tipprovdi l-informazzjoni mitluba jista' jwassal biex l-applikazzjoni ma tiġix aċċettata.

**Għall-Użu Uffiċċjali Biss**

**Il-formola ta' l-applikazzjoni tiegħek intlaqgħet mit-Taqsima ta' l-Apikoltura fid-data msemmija hawn taħt. Dan ma jfissirx li l-applikazzjoni tiegħek hija kompluta. Jekk jinstab li l-applikazzjoni waslet tard jew inkella għandek xi informazzjoni jew dokumenti nieqsa, l-applikazzjoni tiegħek tista' ma' tiġix aċċettata. Din l-irċevuta tipprovdi biss prova li l-applikazzjoni tiegħek ġiet ippreżentata f'dan l-uffiċċju.**

| | | |
|---|---|---|
| **Isem u Kunjom l-Applikant** | | |
| **Timbru Uffiċċjali** | **Data ta' meta ntlaqgħet l-Applikazzjoni** | **______/______/2010** |
| | **Numru ta' l-Applikazzjoni** | **/2010** |

# 1. Dettalji Meħtieġa

Q1.1 DETTALJI TA’ L-APPLIKANT

| | |
|---|---|
| Isem u Kunjom l-Applikant | |
| Data tat-Twelid | |
| Indirizz | |
| Numru tal-Karta ta’ l-Identitá | |
| Numru tat-Telefon tad-Dar | |
| Numru tal-‘Mobile’ | |
| Numru tal-‘Fax’ | |
| ‘Email’ | |
| Numru tal-VAT jekk għandek | |

Q1.2 DETTALJI TAL-PERSUNA LI SE TIĠI KKUNTATJATA RIGWARD L-APPLIKAZZJONI

| | |
|---|---|
| Isem u Kunjom | |
| Indirizz | |
| Numru tal-Karta ta’ l-Identitá | |
| Numru tat-telefon tad-Dar | |
| Numru tal-‘Mobile’ | |
| ‘Email’ | |

**2.** DETTALJI TAL-KOLONJI U L-FRIEĦ TAN-NAĦAL U L-POST/IJIET FEJN QED JINŻAMMU

| Raħal | Akkwati fejn qed jinżamm in-naħal | Numru ta' kolonji* | Numru ta' frieħ* |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |

*NB Kolonja naħal tfisser il-kaxxa mgħammra b'iktar minn 6 tilari. B'inqas minn 6 tilari huwa ferħ naħal.

## **3**. Sezzjoni – Dettalji ta' l-Infieq

Q3 MIŻURI TAL-GĦAJNUNA

| **Lista tal-Miżuri** | *** X** | **Ammont mitlub (Ewro)** |
|---|---|---|
| 1. Għajnuna teknika għal min irabbi n-naħal u l-għaqdiet ta' min irabbi: | | |
| a. Materjal għat-taħriġ | | |
| b. Kotba | | |
| c. Seminars | | |
| 2. Kontroll tal-Varroa | | //////////// |
| a. Taħriġ ta' kif tikkontrolla l-Varroa | | //////////// |
| b. Trattament tal-Varroa | | //////////// |
| c. Riċerka | | //////////// |
| 3. Għajnuna għat-trasport tan-naħal | | |
| a. Xiri ta' attrezzaturi żgħar għall-ġarr tan-naħal | | |
| b. Identifikazzjoni ta' siti fejn tikber flora li hi tajba għan-naħal | | |
| 4. Għajnuna għal-laboratorji li jagħmlu analiżi tal-għasel | | |
| a. Analiżi tal-għasel | | |
| 5. Għajnuna biex jinżamm in-numru ta' kolonji tan-naħal | | ///////////// |
| a. Xiri ta' kolonji tan-naħal | | ///////////// |
| b. Xiri ta' rġejjen u apparat li jintuża fit-tnissil tal-irġejjen | | ///////////// |
| 6. Koperazzjoni ma' entitajiet speċjalizzati biex isir xogħol ta' riċerka fit-trobbija tan-naħal u l-prodotti tal-Apikultura | | |
| a. Riċerka fuq teknika avvanzata fit-trobbija tan-naħal | | |

*** Immarka *X* skond il-miżura li se tapplika għaliha**

## **4**. Sezzjoni DOKUMENTI NEĊESSARJI

Q4 Dokumenti neċessarji rigward l-applikant: Immarka **X**

| | |
|---|---|
| Kopja tal-Karta tal-Identitá | |
| Irċevuti fiskali oriġinali relatati mal-miżuri 1, 3, 4 u 6 | |
| Fil-każ ta' Għaqda, hemm bżonn kopja tal-Istatut, lista tal-membri tal-kumitat u kopja tal-karta tal-Identitá tagħhom, Programm dettaljat tal-Attivitajiet u Pjan Finanzjarju | |
| Numru tal-VAT fil-każ ta' *Competent Authority* | |

**NOTA:**

**Parti jew l-informazzjoni kollha pprovduta ser tinżamm fuq sistema ta' kompjuter u tkun għall-użu tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet u sabiex jinħarġu rapporti. L-Aġenzija għall-Pagamenti tista' tivverifika din l-informazzjoni ma' dipartimenti governattivi oħra, kif ukoll ma' aġenziji u oqsma oħra kif hemm bżonn skont il-liġijiet, inklużi dawk tal-Unjoni Ewropea, biex informazzjoni qarrieqa jew mhux korretta tkun magħrufa u mwarrba, u/jew biex tinkixef xi attivita' kriminali, u kif ukoll sabiex jiġi kkoordinat il-proċess ta' applikazzjonijiet oħra li jista' jkun hemm fil-qasam tal-agrikoltura.**

**Din l-applikazzjoni flimkien mad-dokumenti li jkunu mehmuża ser tinżamm b'mod kunfidenzjali u dawn jiġu pproċessati b'konformita' mal-Att tal-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* (Kap 440). Inti ghandek dritt issaqsi rigward l-informazzjoni personali li qed tiġi pproċessata dwarek skont kif ipprovdut mill-Politika ta' Privatezza ta' din l-Aġenzija, li jekk u meta trid tista' titlob kopja tagħha.**

Jekk jogħġbok għaddi l-applikazzjoni tiegħek flimkien mad-dokumenti neċessarji lill-

Aġenzija għall-Pagamenti

*Front Office*

Triq Luqa

Qormi

**<u>Għall-Użu Uffiċjali Biss:</u>**

Din l-applikazzjoni ġiet milqugħa minn:

| ____________________ | ____________________ | ____________________ |
|---|---|---|
| Firma ta' l-Uffiċċjal | Timbru | Data |

Nru tal-Applikazzjoni: ___________________

# 5. DIKJARAZZJONI

Din l-applikazzjoni trid tkun iffirmata mill-applikant. Kun ċert li inti tista' tikkonforma mad-dikjarazzjonijiet u l-obbligi msemmija hawn taħt qabel ma tiffirma din l-applikazzjoni.

<table>
<tr><th>DIKJARAZZJONI</th><th>OBBLIGI</th></tr>
<tr><td>
Jiena niddikjara li:
<ul>
<li>Qrajt u fhimt l-informazzjoni mogħtija f'din l-applikazzjoni fuq dawn il-miżuri u kif ser tiġi pproċessata;</li>
<li>L-informazzjoni kollha mogħtija f'din l-applikazzjoni hija vera u li jiena nerfa' r-responsabilitá għal kull ma ġie ddikjarat;</li>
<li>Nifhem li din l-informazzjoni ser tiġi vverifikata u għaldaqstant l-Aġenzija għall-Pagamenti tista' titlob informazzjoni dwari minn dipartimenti u/jew entitajiet oħra tal-Gvern.</li>
<li>Nifhem ukoll li din l-informazzjoni tista' tintuża mill-Ministeru tar-Riżorsi u l-Affarjiet Rurali, kif ukoll mid-dipartimenti ta' dan il-ministeru għall-amministrazzjoni tal-politika tal-biedja.</li>
<li>Ser inkun f'pużizzjoni li nipprovdi l-parti finanzjarja (self jew fondi personali) sabiex inwettaq il-proġett/i;</li>
<li>Nifhem li l-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni tista' tiġi użata sabiex jiġu pproċessati skemi ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea;</li>
<li>Nawtorizza li jsir użu mill-informazzjoni miżmuma fuqi mit-Taqsima tal-Kontrolli u mill-Aġenzija għall-Pagamenti għall-iskop tal-miżura/i;</li>
<li>Naqbel li l-informazzjoni mogħtija f'din l-applikazzjoni tiġi użata mill-uffiċjali inkarigati mill-Aġenzija għall-Pagamenti sabiex isiru l-proċessi amministrattivi, ta' evalwazzjoni, kif ukoll ta' kontroll għall-miżura kkonċernata;</li>
<li>Qatt ma rċevejt għajnuna finanzjarja la mill-Gvern Malti u lanqas mill-Unjoni Ewropea taħt ir-Regolament (KE) No. 74/2009 sabiex jiġu ffinanzjati l-istess miżuri li għalihom jien applikajt f'din l-applikazzjoni;</li>
<li>Jiena nifhem u naċċetta l-obbligi, l-kundizzjonijiet u s-sanzjonijiet relatati ma' din il-miżura;</li>
<li>Ma nistax nitlob flus li jkunu mħallsa bħala VAT fuq servizzi jew investiment mitlub minni.</li>
</ul>
</td><td>
Jiena naċċetta li nidħol għal dawn l-obbligi jekk niġi approvat għall-għajnuna taħt xi waħda jew aktar mill-miżuri:
<ul>
<li>Inwettaq l-obbligi mitluba minni bħala riżultat tal-parteċipazzjoni tiegħi fil-miżura;</li>
<li>Nipprovdi nformazzjoni ulterjuri kif u meta mitlub nagħmel dan mill-Aġenzija għall-Pagamenti;</li>
<li>Nagħti aċċess lil persuni awtorizzati mit-Taqsima tal-Kontrolli / Aġenzija għall-Pagamenti / Awtoritajiet ta' l-Unjoni Ewropea fuq il-post/ijiet relatat/i ma' l-applikazzjoni sabiex isiru spezzjonijiet u kontrolli. Dan biex tiġi vverifikata l-korretezza ta' l-informazzjoni pprovduta kif ukoll li qegħdin ikunu osservati l-obbligi meħtieġa;</li>
<li>Nikkopera f'kull evalwazzjoni ekonomika, ambjentali u monitoraġġ tal-miżura li jista' jinkludi riċerka u studji mmexxija mill-Aġenzija għall-Pagamenti jew minn persuna/i awtorizzata/i għal dan il-għan;</li>
<li>Ninnotifika bil-miktub lill-Aġenzija għall-Pagamenti b'xi bidliet li jistgħu jseħħu fl-informazzjoni mogħtija fl'applikazzjoni fi żmien għaxart ijiem (10) milli jsiru;</li>
<li>Naċċetta u nwettaq kundizzjonijiet u/jew obbligi ġodda jew differenti b'riżultat ta' tibdil/ emendi li jistgħu jsiru fir-Regolamenti (KE) No. 1234/2007 u No. 917/04 li għandhom x'jaqsmu ma' l-għajnuna mogħtija biex jittejbu l-kundizzjonijiet għall-produzzjoni u s-suq tal-prodotti ta' l-Apikoltura;</li>
<li>Naċċetta li jitnaqqas persentaġġ jew titwaqqaf l-għajnuna u/jew li nħallas lura l-għajnuna diġa mogħtija lili bl'interessi jekk meħtieġ, kemm il-darba ma nħarisx l-obbligi u l-kundizzjonijiet tal-miżuri.</li>
<li>Nifhem li kull informazzjoni falza, qarrieqa jew nieqsa f'din l-applikazzjoni tista' tagħti lok għall-proċeduri kriminali kontrija.</li>
</ul>
</td></tr>
</table>

**Jien hawn taħt iffirmat nikkonferma li naċċetta r-responsabbiltajiet kollha kif murija fid-dikjarazzjonijiet u l-obbligi t' hawn fuq.**

**(Ittri Kbar)**

| ISEM U KUNJOM L-APPLIKANT | FIRMA | DATA |
|---|---|---|
| | | **______/______/2010** |